# Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-Junior Lyceum - Mejju 2003

# MALTI

# IR-RAPPORT TA' L-EŻAMINATUR EWLIENI

## Kummenti ġenerali dwar il-karta

### a. Ir-riżultat

L-eżaminaturi huma sodisfatti ferm biż-żieda fil-persentaġġ tal-kandidati li għaddew mill-Eżami tal-Malti (79.8%), għalkemm iħossu li n-numru ta' kandidati li għaddew bi grad C huwa għoli wisq. Ma rridux li nistaġnaw għax inkunu kompjaċenti. Għalhekk l-eżaminaturi jixtiequ jaraw li n-numru ta' kandidati fil-faxex B u A jiżdied ħalli jkollna aktar evidenza tax-xogħol reali fil-klassijiet.

### B. L-analiżi strutturali tal-karta tal-Malti

Il-marki, skond il-binja ta' kull taħriġ, tqassmu b'tali mod li 30% kienu allokati għal mistoqsijiet u taħriġiet litterali u diretti bl-anqas livelli ta' diffikulta`; 30% oħra ngħataw għal dawk il-mistoqsijiet/taħriġiet ta' diffikulta' medja u anqas diretti; u mill-kumplament, 35% ngħataw għal taħriġiet li rrikjedew stimuli lejn il-kreattivita' u 5% għal fehem inferenzjali ogħla.

L-eżaminaturi ma riedu bl-ebda mod jikkonċentraw fuq taħriġiet ikkontrollati li jirrikjedu biss studju bl-amment u ftakir ta' regoli, iżda għamlu enfasi fuq il-lingwa f'KUNTEST.

### Ċ. It-tagħlim

Għalhekk l-eżaminaturi jħeġġu lill-għalliema biex jinsistu fuq metodoloġija li għandha ssus fuq taħriġiet funzjonali u oħrajn f'kuntest mill-ħajja ta' kuljum. Per eżempju, ikun bla sens u bla skop li t-tfal jistudjaw listi ta' idjomi u qwiel bl-amment bla ma jagħrfu jsarrfu kull tifsira minn kuntest. Ikun aktar ta' siwi jekk jittieħdu mill-ħajja ta' kuljum kif jintużaw fir-relazzjonijiet ta' kull individwu f'sitwazzjonijiet ta' ambjent, familja, soċjeta` eċċ.

L-eżaminaturi jisħqu biex ħadd ma jilludi ruħu billi jaħseb li xi ktieb huwa l-mera ta' xi FORMAT tal-karta ta' l-eżami.

L-eżaminaturi jħeġġu lill-għalliema biex ikellmu lit-tfal bil-Malti u kemm jista' jkun iħalluhom jesprimu ruħhom, jitkellmu, jiddiskutu, anke jiddjalogaw u jiddibattu. Lit-tfal

irridu nagħtuhom spazju u nisimgħuhom ukoll. Jeħtieġ li t-tfal jitlaqqgħu ma' testi għas-smigħ (stejjer, djalogi, drammi eċċ.) permezz tal-media elettronika fil-klassi.
Dan qegħdin jisħqu fuqu għaliex fil-karti ta' l-eżami hemm evidenza ta' dawn in-nuqqasijiet.
Dawn huma xi eżempji:
Id-differenza bejn l-għ u l-q:-qamel flok għamel; qandi flok għandi; qedtlu flok għedtlu.
L-għi u l-għu: tijaj flok tiegħi; telew flok telgħu; jismaw flok jisimgħu eċċ.
L-ittri doppji ma jinħassux:- franka flok iffranka; pruvajt flok ippruvajt; jixemex flok jixxemmex; għalkem flok għalkemm; sakem flok sakemm eċċ.
Il-kliem Ingliż mgħawweġ bil-Malti:-nimmissja; nibbraxxjhom; tagħmilha tal-hero; ħadna brejk.
Binja sintattika ħażina:- "Jien togħġobni" flok 'lili togħġobni'; għedtlu "grazzi" flok 'irringrazzjajtu'; qalli "iva" flok 'aċċetta'.
Regoli grammatikali mill-aktar sempliċi li qegħdin ikunu injorati.
Fl-aħħarnett l-eżaminaturi jibqgħu jtanbru li l-użu effettiv ta' l-idjoma għandu jidher fil-kitba kreattiva.

## D. Konklużjoni

Kollox ma' kollox jidher li l-karta kienet waħda **'ĦABIBA'**, intlaqgħet tajjeb u hemm evidenza biżżejjed li kienet ta' livell tajjeb.
L-eżaminaturi jridu jwasslu messaġġ wieħed u ċar: li din il-karta tgħin biex ikun hemm dejjem titjib kemm fit-tagħlim kif ukoll fit-tgħallim.

| L-ittra /in-numru tal-mistoqsija | L-opinjoni ta' l-eżaminaturi dwar il-mistoqsija. | Kif wieġbu l-mistoqsija l-kandidati | Kummenti oħra/Suġġerimenti |
|---|---|---|---|
| **A** | Silta ċara li tinftiehem tajjeb. Il-livell tal-mistoqsijiet kien bilanċjat bejn diretti, inferenzjali, ta' ġustifikazzjoni u ta' opinjoni. | Il-biċċa l-kbira wieġbu tajjeb.<br>Xi wħud ikkupjaw il-kliem ħażin.<br>Numru kbir ma jagħrfux id-differenza bejn 'Lulju' u 'staġun'. | Il-kandidati jeħtieġ li jitħarrġu biex iwieġbu b'sentenzi SĦAĦ. |
| **B** | Taħriġ dwar l-idjoma u l-qawl dirett. | Il-biċċa l-kbira wieġbu tajjeb.<br>Xi kandidati li wieġbu tajjeb ħallew barra l-apostrofu f'**waqa'** u **jaqa'.**<br>Kien hemm min ikkopja ħażin. | Il-kandidati għandhom jintalbu jagħtu t-tifsira huma ukoll. |
| **Ċ** | Taħriġ ibbażat fuq it-tiswir tal-verbi mill-għerq dejjem f'kuntest. | Ftit kienu dawk l-istudenti li ġabuhom tajbin kollha.<br>Dawk li ġabu xi verbi ħżiena ma fehmux is-sens fil-KUNTEST.<br>Ħafna żbaljaw il-verb **'mar'** mill-għerq **m-w-r**. | Jeħtieġ li l-kandidati jitħarrġu b'eżerċizzji simili f'KUNTEST. |
| **D** | Taħriġ impenjattiv, ta' ċerta oriġinalità u ta' ċertu livell. | Kienu ftit l-istudenti li tfixklu.<br>Xi kandidati m'għarfux id-differenza bejn **'minkejja'** u **'għalkemm'**. | |
| **E** | Taħriġ **'CLOZE'** li fih kien hemm aspetti varji li wieħed seta' jittestja. | Ħafna wieġbu tajjeb.<br>Dawk li wieġbu ħażin ma taw xejn każ tas-sens fis-silta. | Dan huwa eżerċizzju ideali u li hemm bżonn li nkomplu naħdmu bih.<br>Permezz ta' eżerċizzji ta' dan it-tip inkunu nistgħu nħarrġu u nittestjaw il-kandidati f'aspetti varji tal-lingwa. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **F** | Taħriġ li jitlob konċentrazzjoni fuq kitba koesiva b'assoċjazzjoni ta' ideat. | Ħafna kandidati jinħassu li mhumiex imħarrġa jagħtu fehemthom f' ħames sentenzi. | Eżerċizzju tajjeb marbut ukoll mad-dinja reali kif mgħoddi kuljum mill-'media'. Għandha ssir enfasi fuq taħriġiet simili. |
| **Ġ** | Taħriġ funzjonali tajjeb**.** | Il-maġġoranza tal-kandidati wieġbu tajjeb, aqta' lil dawk li ma jafux it-tifsira ta' **'prezz fiss'** u **'ma ndejjinx'.** | Fil-klassi għandu jkun hemm żieda fl-eżerċizzji ta' dan it-tip għaliex permezz tagħhom wieħed ikun jisħaq ħafna fuq il-lingwaġġ mill-ħajja ta' kuljum. |
| **G** | Taħriġ fejn il-kandidati riedu jħaddmu moħħhom. | Fil-maġġoranza wieġbu tajjeb.<br>Dawk li marru ħażin ma ttendewx li jridu jużaw ċerta loġika inferenzjali. | Taħriġiet qsar bħal dan għandhom ikunu ddisinjati fil-klassi biex it-tfal jitħarrġu f'mistoqsijiet inferenzjali b'ċerta loġika mingħajr wisq sforz. |
| **GĦ** | Taħriġ dwar verbi frażjali. Kien kemmxejn impenjattiv. | Ftit kienu l-istudenti li wieġbu kollox tajjeb.<br>Il-kandidati wrew nuqqas ta' esperjenza f'taħriġ bħal dan. | L-istudenti għandhom jitħarrġu b'mod li jaraw il-funzjoni tal-lingwa f'KUNTESTI varji. |
| **Ħ** | Il-ħames temi kienu interessanti. | Numru sew marru tajjeb ħafna.<br>Forsi dan nistgħu nattribwuh għax intgħażel il-komponiment numru **4** li kien dirett wisq.<br>Ta' min jinnota li minn dawk il-kandidati li għażlu l-**ittra** (numru **1**) kienu ftit wisq dawk li wrew li għandhom idea tal-format ta' l-ittra, tar-regoli li jridu jsegwu u tal-paragrafar meħtieġ.<br>Minn dawk il-ftit li għażlu l-komponiment numru **2** dwar dak li għoġobhom jew dejjaqhom fl-aħħar sena ta' l-iskola, kien hemm numru sew li marru ***Out of Point***. Iżda kien hemm uħud li kitbu dwar ir-**realta`** fl-ambjent tas-Sitt Sena. | Għalkemm wieħed ma jistax ma jfaħħarx kull sforz li wassal għal numru sabiħ ta' kitbiet ħajjin u xi kultant qabbieża, bl-isbaħ ideat, sekwenzjar u loġika, għad fadal ħafna xi jsir fejn għandhom x'jaqsmu l-ortografija, il-punteġġjatura, il-vokabularju u saħansitra s-sintassi.<br>Hemm bżonn aktar tlaqqigħ (EXPOSURE) mal-lingwa permezz tas-smigħ u tat-taħdit, l-ewwel u qabel kollox, u għarfien tal-fonema (IL-ĦOSS) mlaqqa' mal-grafema (IS-SIMBOLU/KTIB), naturalment b'tisħiħ fil-qari.<br>**(ara kummenti ġenerali dwar il-karta)**<br>Dwar l-ITTRA wieħed irid jibda jaħseb |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | Il-ftit li għażlu l-komponiment numru **3** wrew ħilithom fil-kreattivita` permezz ta' linji ta' ħsieb koerenti. Xi żewġ kandidati biss marru ***Out of Point***.<br>Dawk il-ftit li għażlu l-komponiment numru **5** u kitbu dwar sehem ta' gwida fuq il-qamar, urew ħila straordinarja b'għerf mill-qari u bil-ħila kreattiva. | bis-serjeta` biex kull student li jasal sas-Sitt Sena jkun konxju tal-FORMAT ta' l-ITTRA.<br>Ma rridux ma nsemmux ukoll il-kalligrafija ħażina ta' numru sew ta' kandidati. |